# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**(Spettur Ritienne Gauci)**
**(Spettur Joseph Mallia)**

**Vs**

**Carmelo Vella**

**Illum, 12 ta`Marzu, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Carmelo Vella**, sebgha u sittin (67) sena, iben Giuseppi u Ersilia nee' Aquilina, imwieled Msida fit-tmintax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tnejn u hamsin (18/11/1852), residenti gewwa 2, Shalom, Triq Salvu Busuttil, San Gwann detentur tal-karta tal-identita' numru 821152 M akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu 2020 ghal habta ta' 10:00 hrs gewwa n-Naxxar u/jew gewwa dawn il-Gzejjer Maltin insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lil Stephen Tonna.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024, Stephen Tonna ikkostitwixxa ruhu bhala *parte civile* f' dawn il-Proceduri.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024 l-partijiet qablu li l-kawza mhux preskritta.

Rat l-affidavit ta' WPC 383 D. Mifsud ipprezentat mat-tahrika tal-kawza; rat l-affidavit ta' Transport Malta ezebit fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024; semghet ix-xhieda ta' Stephen Tonna fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 prodotti mill-prosekuzzjoni. Semghet ix-xhieda ta' Carmelo Vella; ta' Christopher Vella fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2024 prodotti mid-difiza.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024 l-Qorti cahdet it-talba ghal differiment sabiex jixhed rapprezentant ta' EuroStar Automotive Limited stante li dawn huma proceduri sommarji;

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi taghhom fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 339(1)(e) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza kienet qed tinstema kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet Il-*Pulizija vs Christopher Vella* u l-provi prodotti japplikaw ghaz-zewgt proceduri.

Illi l-*parte civile* Stephen Tonna irrapporta li l-imputati Christopher Vella u Carmelo Vella insultenawh, heddewh u ingurjawh. U li fil-kaz ta' Christopher Vella wahdu li ikkagunalu danni fil-vettura tieghu.

Dak il-hin tal-akkadut l-*parte civile* Stephen Tonna kien ipparkjat bil-karozza tieghu quddiem ix-xatba tal-bieb tar-razzett ta' Vella li jinstab gewwa l-Maghtab l/o Naxxar. L-imputati kienu gewwa r-razzett, u riedu johorgu.

**Provi prodotti mill-Prosekuzzjoni**

**Affidavit ta' WPC 383 D Mifsud** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Fid-9 ta' Marzu, 2020 ghal habta ta' 10:00 hrs waqt li kienet dettaljata gewwa l-Ghassa tan-Naxxar certu Stephen Tonna ghamel rapport li aktar kmieni dak innhar stess huwa ipparkja l-vann tieghu, Peugeot ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni CCL 142, fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, l-Mghatab vicin l-ghalqa tiegh u li ftit tal-hin wara Carmelo Vella u t-tifel tieghu Chistopher Vella hargu minn gos-sqaq jinsulentawh u jhedduh bil-familja. Stqarr li Carmelo beda jghajjat mieghu sabiex ma jersaqx izjed l-hemm u jnehhi l-vann minn fejn kien ipparkjat. Stqarr li malli dahal fil-vann sabiex jitlaq hareg Christopher Vella bil-vettura tieghu tal-ghamla Peugout tal-kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni GAM 029 u baqa' diehel fuq quddiem tal-vettura tieghu u kkawzalu hsarat fuq il-mudguard tan-naha tal-passigier u ghafsa fuq il-bumper tal-plastic ta' quddiem. Huwa gie infurmat sabiex jipprovdi stima.

Aktar tard ghal habta ta' 11:30 hrs Carmelo Vella flimkien ma ibnu Christopher Vella stqarrew li aktar kmieni dakkinhar stess ghal habta ta' 09:45 hrs waqt li kienu fir-razzett gie Stephen Tonna bil-vann tieghu u ipparkjah ezattament quddiem l-entratura tar-razzett taghhom. Huma rrapportaw li hargu jghidulu biex iressaq il-vettura ghax riedu johorgu l-vettura taghhom u Stephen stqarr li ma kienx ser irressaqa u dak il-hin Chrisopher hadlu ritratt tal-vettura (hinijiet 9:43 hrs, 9:45 hrs u 9:46 hrs) tal-vettura fejn ta' min jinnota li tiga kellu hsarat fuq il-bumper u l-mudguard ta' quddiem.

Christopher Vella zied jghid li huwa minnu li hareg il-vettura barra izda nnega li f' xi hin miss vettura ma vettura.

Il-pulizija innotat wkoll li l-vettura tal-ghamla Peugeot ma ghandha l-ebda' hsara. Stephen Tonna gibed ritratt tal-vetturi vicin xulxin izda mhux imissu lil xulxin fejn stqarr li dak kien ftit wara il-mument tal-impatt u l-hin kien 09:15 hrs.

Carmelo u Christopher Vella stqarrew li Stephen beda jiccalangjahom ghal glied u jheddidhom li ma jibzax minnhom. Nhar it-28/03/2020 ghal habta ta' 14:00 hrs irrikorra gewwa l-Ghassa tan-Naxxar Stephen Tonna fejn pprovda stima tal-hsarat li tammonta ghal 1392.92 euros.

Nhar it-08/04/2020 ghal habta 15:00hrs PS 894, PC 787 u WPC 383 nizlu fl-imsemmi post fejn seta sar l-incident fejn infurmaw lil partijiet sabiex jigu bil-vetturi taghhom u fejn hemmhekk il-pulizija tawhom struzzjonijiet biex il-vetturi jaghmulhom ma xulxin b' tali mod kif kienu r-ritratti mehuda fuq il-mobile cellulari taghhom.

Malli l-pulziija ghamlet il-vetturi ma gemb xulxin ma setghax jigi stabilit jekk il-habta sehhitx jew le.

**Affidavit ta' Stephen Cachia,** rapprezentant Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta ipprezentat fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Jiddikjara li minn indagini li ghamel fir-rekords ta' l-Awtorita', irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CCL 142 tal-marka Peugeot Partner, fil-9 ta' Marzu, 2020, kienet registrata fuq Stephen Tonna detentur tal-karta tal-identita' 273382 M. Din il-vettura hija hekk irregistrata mis-27 ta' Dicembru, 2018.

**Stephen Tonna,** il-*parte civile*, xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Jixhed li fid-9 ta' Marzu 2020 nizel il-Maghtab gol-passagg tal-ghalqa tieghu u hargu jghajtu mieghu Christopher Vella u Carmelo Vella. Ix-xhud jindika liz-zewgt imputati fl-awla. Jixhed li meta bdew jghajtu ghax ipparkja quddiem is-sqaq tieghu kien hemm il-gate maghluqa u ma kien hemm hadd. Il-gate huwa tar-razzett ta' Vella u hu ghandu l-ghalqa magemb li x' hin jidhol bil-karozza bil-fors irid jitfa' hemmhekk biex inizzel l-affarijiet. Jixhed li l-imputati ghajtu mieghu, u hu inhehhi l-vann fetah il-gate u hareg gass down ghal go fih Christopher Vella. Jixhed:-

*"Dan Christopher Vella gie bil-karozza gas down ma tanix cans inehhilu jiena sakemm jiena bilqeghda bilqieghda fil-karozza biex insuqlu gie baqa' diehel quddiem gol-Peugeot tieghu."* li ghandu n-numru ta' registrazzjoni CCL 142.

Ix-xhud jghid li l-imputat Christopher Vella iccalangjah ghal glied.

Fuq ll-impatt bejn il-karozzi jixhed li kien quddiem tieghu u quddiem tal-liehor. L-impatt kien minn naha tal-passiggier. L-hsarat kienu fil-bumper fil-kantuniera hu tal-vann tieghu. Wara mar gab stima u qalulu li dawn ma jistghux jitrangaw u jrid jibdilhom.

Ix-xhud pprezenta l-istima. L-istima gabha minghand tal-Peugeot bejn Santa Venera u l-Imriehel. Dwar id-dokument ipprezentat gie innotat li L-istima inharget fl-14 ta' Jannar, 2020 tlett xhur qabel l-incident (Dok ST).

Jirrispondi li jaqbel li kellu hsara qabel l-incident imma jghid li mhux dik il-parti kienet.

Jikkonferma li Il-karozza ta' Christopher Vella ma sofriet ebda' danni.

Jichad li kellem lil imputati b' mod aggressiv. Jispjega li hemm kwistjoni bejniethom fuq l-ghalqa li ghandu ma gembhom. Jghid li kull meta jmur hemm jattakkawh biex jaghmillu t-trouble. Jichad li hu stieden lil imputati ghal glied.

**Provi prodotti mid-difiza**

**Carmelo Vella** xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Jixhed li l-bieba tar-razzett tieghu dejjem maghluq ghax ghandu l-klieb u ma jhalliehomx johorgu barra. Gie biex johrog u sab il-vann ta' Stephen Tonna ipparkjat wara l-bieba tieghu. Stephen Tonna dak il-hin ma ma kienx hdejh il-vann. Stenna ftit u gie s-sur Tonna u qallu biex inehhi l-vann minn hemm.

It-tifel tieghu huwa Chistopher Vella, ried johroh ghax kienu mghaglin. *"u l-bieba kemm miftuha u t-tifel saq sal-karozza tieghu, jigifieri minn hawn sa dak il-hajt mhux hareg sparat kif qed jghid, wasal sal-karozza tieghu, nizel jigri."*

Jixhed li Christopher Vella l-karozza ta' Tonna ma laqatiex. Jixhed li meta s-Sur Tonna iqieghed il-vann hemm dejjem johdulu ritratt u hemm ritratti li gew ezebiti li ttiehdu ezebiti tmien minuti qabel il-hin tal-akkadut. Ir-ritratti ghandhom id-data u l-hin.

Jichad li gew ikkawzati xi danni lil karozza ta' Tonna.

Jichad li huwa heddu, izda qallu biex isuqlu l-karozza. Jixhed *"Le m' hedditu qatt nghidlu nehhili minn hemm m' ghandekx dritt tipparkjali hemm."* Anzi' jghid li kien Tonna li kien jghidilhom li ma jibzax minnhom.

**Christopher Vella** xehed fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2024. Jixhed li meta gew biex johorgu l-vann ta' Stephen Tonna kien tiga' ipparkjat hemm. "*umbaghad jien mort ingib il-karozza ghax kellna appuntament u ridna mmorru u hu ma riedx isuqli u wasalt mieghu fil-bieba mal-karozza ezatt wasalt jien imma l-karozza ma lqattielux.*"

Jichad li insultenawh u jghid "*Hu insultenana hu heddidna ghal glied ghax dejjem jghidilna jien ma nibzax minnkom u jien bdejt nghajjat mieghu u bdejt nghidlu suq bdejt nghidlu suq bdejt nghidlu, u hu ma riedx isuq beda jihdaq fil-vann u jidhaq u ma riedx qisu domna xi nofs siegha nistennewweh.*"

Jichad li offendieh, jixhed *"Le mhux veru offendejtu b' ommu u missieru, ommu u missieru nies orrajt u dejjem kemmnuni lili m' ghandiex ghalfejn noffendih bihom."*

Lanqas missieru ma offendieh.

Jikkonferma li hu ha r-ritratti fid-9 ta' Marzu li jinstabu ezebiti fl-atti ( Dok CV 2 sa Dok CV 5). Fir-ritratt Dok CV 2 jihder il-hsara li kellu Tonna fil-vann antencedenti ghal allegat akkadut.

In kontro-ezami jirrispondi li hu beda jsuq il-karozza biex isuq ghax Tonna ma bediex isuq b' xejn. Il-karozza tieghu ma nbottahielux. Jichad li miss il-karozza tieghu.

Vera gholla lehnu imma ma nsulentahx. Ir-ritratti hadhom hu bil-mobile u l-mobile jimmarkalek x' hin tiehu r-ritratti. Ir-ritratti haddhom qabel ma mexxejt il-karozza tieghu ghax kien jaf x' inhu.

Ikkunsidrat

Illi Carmelo Vella hu akkuzat li insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Stephen Tonna.

Il-Qorti ghandha quddiema zewgt verzjonijiet kunfliggetti. Fid-dawl tal-provi li ghandha a dispozzizjoni taghha l-prosekuzzjoni ma rnexxielie x tipprova din l-imputazzjoni skont il-livell ta' prova necessarja sabiex tinstab htija.

**Dwar Spejjez ghal hatra ta' l-esperti**

Illi ma jirrizultax li gew mahtura esperti f' dawn il-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Carmelo Vella** mhux hati tal-imnputazzjoni dedotta kontrih u qed tilliberah minn kull piena u htija.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**